Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 7 – It-Tnejn 17 t'Awwissu 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

3.0 **Korrispondenza - Ittra mingħand il-Parroċċa**

3.1 Ġiet trattata ittra mingħand l-Arċipriet Frankie Bajada fejn irrefera għal-laqgħa li kellha l-parroċċa mal-Kunsill fejn faħħar inizjattivi bħal dawn. Huwa qajjem ukoll il-punt dwar jekk il-Kunsill jistax jgħin fit-tindif tal-Pjazza u wara l-Knisja issa li ġejja l-festa. Il-kunsill hawnhekk qajjem il-punt tad-diżgwid li kien hemm fil-passat bejn il-Kunsill u l-Knisja rigward il-proġett tal-pjazza u kien proprju minn hemm li ħarġu direttivi mid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali li anke s-servizz tat-tindif twaqqaf peress li l-pjazza mhix art pubblika u l-Kunsill ma jistax jagħti servizz fil-privat. Is-Sindku rrefera għal fatt li l-pubbliku huwa mdejjaq b'din is-sitwazzjoni u talab sabiex tinstab soluzzjoni.

3.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi qal li għalkemm huwa minnu li l-pubbliku huwa mdejjaq bis-sitwazzjoni, dawn il-problemi ħolqitom l-paroċċa stess meta bdiet tenfasizza li din l-art hija privata u ma setax ikompli jagħmel xogħol ta' tindif u manteniment. Il-Viċi Sindku qal li din it-talba turi kemm il-Paroċċa qed tuża l-kunsill għaż-żejjed u fejn trid li l-Kunsill jnaddaf l-pjazza mingħajr ma

jkollu ebda involviment fil-proġett jew fit-tmexxija ta' din l-istess pjazza. Huwa wera d-dispjaċir tiegħu għal fatt li ma kien hemm ebda rappreżentanza mill-Kunsill Lokali meta ġie ffirmat il-ftehim tal-Pjazza bejn il-Ministeru u l-Paroċċa f'Awwissu 2014 speċjalment fid-dawl tal-fatt li dan l-istess Kunsill kien ilu snin twal jipprova jasal għal ftehim u kien saħansitra lest li jiffinanzja l-ispejjez kolla marbuta ma' dan il-progett flimkien mal-Ministeru għal Għawdex. Il-Viċi Sindku semma wkoll l-fatt li jekk l-Kunsill jibda jnaddaf art privata, dan joħloq preċedent fejn l-għaqdiet il-kbar t'Għajnsielem jistaw huma wkoll jitolbu sabiex jsir tindif fit-terrazzin tal-każini tagħhom.

3.3 Il-Kunsill esprima d-diżappunt tiegħu li fis-snin preċedenti l-Kunsill ħela ħafna flus u enerġija biex iwettaq dan il-proġett izda sab ħafna ostakli u nuqqas ta' kollaborazzjoni mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u għalhekk dawn l-affarijiet issa iridu jiġu kkunsidrati b'ċerta delikatezza biex l-għan ewlieni jkun li jibbenifika ċ-ċittadin u l-Kunsill ikun regolat.

3.4 F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li l-ewwel pass tiegħu hu li għandu jerġa jagħmel referenza għad-deċiżżjoni tad-Dipartiment u jitolbu jekk għadux tal-istess opinjoni u jekk il-Kunsill jistax jagħti servizz ta' tindif fil-pjazza tal-lokal. Kemm il-darba l-Kunsill jirċievi risposta fin-negattiv għandu jitlob lill-Awtoritajiet Eklesjastici sabiex jiddikjaraw l-art in kwistjoni bħala waħda pubblika u l-Kunsill ikun jista jagħti s-servizzi kollha meħtieġa minnu fis-sit in kwistojoni.

## 4 Laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija

4.1 Preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill kien l-Ispettur Frank Tabone li miegħu ġew diskussi xi punti li jikkonċernaw il-festa tal-lokal u t-tiġrija taż-żwiemel.

4.2 Waqt il-laqgħa sar qbil li t-triq ta' quddiem il-każini għandha tingħalaq matul il-gimgħa kollha tal-festa mis-7pm sas-2:00am. Sar qbil li għandna ninfurmaw lil Transport Malta b'din id-deċiżżjoni.

4.3 L-Ispettur semma' li d-*disco* ta' matul il-festa għandu jintefgħa fis-2:00am.

4.4 Rigward il-marċ tal-Ġimgħa, ta' Mgarr Road, sar qbil li t-triq għandha tingħalaq mit-8pm. L-ispettur għafas fuq l-importanza li l-hawkers jitniżlilhom fuq il-permess li ma jbigħux fliexken tal-ħġieġ

4.5 Rigward it-tigrija taż-żwiemel, sar qbil li ż-żwiemel jinżammu f'zewġ partijiet biss; fit-tarf ta' Mgarr Road ( in-naħa ta' fuq) u fi Triq J F de Chambray.

## 5 Programm għaż-żjara tad-delegazzjoni ta' Tolfa fostna

5.1 Saret referenza għal grupp minn Tolfa li ser jiġu għall-okkażżjoni tal-festa. Sar qbil li bħal kull sena l-Kunsill iħallas l-akkomodazzjoni ta' 30 persuna u t-trasport minn u lejn l-ajruport. Sar qbil ukoll li l-Kunsill għandu jħallas ikla f'xi restaurant tipiku fil-lokal u li tkun tammonta għal madwar €7 kull persuna għas-serata tat-Tlieta. Sar qbil ukoll li l-Erbgħa l-Kunsill jorganizzalhom BBQ fi Pjazza l-10 ta' Diċembru. Sar qbil ukoll li l-Ħamis issir il-laqgħa uffiċjali fl-Uffiċju tal-Kunsill.

## 6.0 Offerti tas-servizz tal-Bulky Refuse

6.1 Is-Segretarja prezentat l-iskeda tal-offerti tal-Bulky Refuse li ntefgħu minn:-

- Maria Magro (White Horse recycling Ltd) għall-prezz ta' €5.75 kull kollezzjoni inkluz il-VAT
- Claudio Cassar għall-prezz ta' € 23.60 kull kollezzjoni inkluz il-VAT
- Nicholas Zammit għall-prezz ta' €5.20 kull kollezzjoni inkluz il-VAT

6.2 Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandu jagħżel l-orħos offerta dik ta' Nicholas Zammit.

## 7.0 Għajnsielemfest

7.1 Il-Kunsill qabel ukoll li għal Għajnsielemfest u għal jiem tal-festa, għandu joħroġ il-bankijiet tal-injam li hemm f'Ta' Passi biex jitgawdew min minn ikun irid jiekol xi ħaġa.

7.2 Sar qbil li waqt is-serata tat-talent lokali, għandhom jiġu preżentati tifkira ta' rikonoxximent lil Albert-Lauren Agius tas-suċċess tiegħu f'SanRemo Junior u lil Lorenzo Atzori għas-success b'kitbietu fl-okkażżjoni tal-World Book Day. Sar qbil ukoll li għandu jitqassam ċertifikat lill-partecipanti kollha.

7.3 Is-Sindku semma' li bħala stima għad-dawl, Joseph Cutajar li s-soltu jahdem dawn l-avvenimenti, naqqsilna l-prezz minn €400 għal €350 kull attivita'. Bħala kera ta' projector u *screen* huwa talab is-somma ta' €100. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din l-istima.

**7.4** Is-Sindku rrefera għal *feature* dwar Għajnsielem li qed jaħdem fuqu Joseph Sultana u li ser jintuża bħala bidu tas-serata tat-talent lokali t'Għajnsielemfest.

## 8.0 Festa Kemuna

**8.1** Is-Sindku rrefera għall-festa ta' Kemuna u għall-aħħar preparamenti meħtieġa.

**8.2** Huwa semma' li l-Kunsill gie mitlub biex iħallas ukoll it-trasport tal-bandisti. Sar qbil li jinħargilhom biljett għall-prezz ta' €5 bir-ritorn bħalma ħa jkun ċċarġjat il-kumplament tal-pubbliku.

## 9.0 Materji oħra

**9.1** Il-Kunsill qabel li għandu jattrezza aktar it-terrazzin tal-Kunsill għal xi okkażżjonijiet soċjali billi jixtri żewġ *cocktail tables* u xi pjanti.

**9.2** Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għaż-żjara f'Tolfa b'referenza partikulari għas-suċċess li għamel bid-debut tiegħu Charles Buttigieg. Huwa propona li tkun ħaġa xierqa li l-Kunsill jgħinu b'xi mod bħalma huwa xi scholarship għax għandu talent uniku. Il-Kunsill qabel li jekk tiġi xi opportunita' ta' għajnuna għandu jikkonsidraha.

**9.3** Ġiet trattat l-ilment sabiex titwitta xi ftit Triq Wied Martin. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lic-CMU jekk jagħmlux din il-biċċa xogħol u jekk le għandna niġbru stima għal dan ix-xogħol..

**9.4** Saret referenza għat-talba li kien ressaq Joseph Scicluna sabiex titwaħħal mera quddiem ir-residenza tiegħu u għall-approvazzjoni dwarha minn Transport Malta. Il-Kunsill wera t-tħassib tiegħu li jekk tintlaqa' din it-talba jista' jkun li ser ikun hemm problemi mir-residenti l-oħra u jista wkoll jinħoloq preċedent għal kull min ikun jixtieq mera quddiem tiegħu. Il-Kunsill għalhekk qabel li għal laqgħa li jmiss għandu jistieden lis-Sur Scicluna biex jiddiskuti dan il-punt miegħu.

**9.5** Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isir knis fi Triq Cordina u li għandu jsir *pattern* fir-rotot tal-knis biex nassiguraw li it-toroq kollha jinkinsu regolarment.

**9.6** Il-Kunsilliera Kareen Xuereb talbet sabiex isir tindif madwar u fit-*traffic island* ta' Garden Street.

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**